FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D**
**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Jannar, 2002**

**Avviz Nru: 846/01PM**

**Gasan Mamo Insurance Agency Ltd. noe et**

**Vs.**

**Amanda Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tliet mija u disgha u sebghin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (LM379.61c) rapprezentanti bilanc ta' danni kagunati f'incident awtomobilistiku tat-22 ta' Settembru, 2000, gewwa l-*Parking Area* tal-*Vivaldi Hotel*, f'Paceville bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AMO 322 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru IBC 187 propjeta' ta' Raymond Zarb liema indicent

sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Ra li rapprezentant tas-socjeta' attrici ikkonferma li l-ammont hu dovut.

Ra li l-konvenuta giet debitament notifikata izda naqset li tipprezenta risposta jew tikkontesta il-kawza.

Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenuta jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz.

**Av. Philip Manduca**
**Gudikatur**